# ENERĠIJA RINNOVABBLI

Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (enerġija mir-riħ, enerġija tax-xemx, enerġija idroelettrika, enerġija mill-oċeani, enerġija ġeotermali, il-bijomassa u l-bijokarburanti) huma alternattivi għall-karburanti fossili li jikkontribwixxu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, tiġi diversifikata l-provvista tal-enerġija u titnaqqas id-dipendenza minn swieq tal-karburanti fossili li mhumiex affidabbli u li huma volatili, b'mod partikolari ż-żejt u l-gass. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli evolviet b'mod sinifikanti fis-snin reċenti. Il-qafas ta' politika futura għall-perjodu wara l-2030 qed jiġi diskuss.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

L-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: Il-politika tal-enerġija tal-UE hija mmirata lejn il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' forom tal-enerġija ġodda u rinnovabbli biex l-għanijiet tat-tibdil fil-klima jiġu allinjati u integrati aħjar fid-disinn il-ġdid tas-suq.

## IL-KISBIET

### A. Il-passi inizjali

Wara l-White Paper tal-1997 dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (COM(1997)0599), l-UE stabbiliet għaliha nnifisha l-miri biex tkopri 12% tal-konsum tal-enerġija u 22.1% tal-konsum tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2010, b'miri indikattivi għal kull Stat Membru stabbiliti fid-Direttiva 2001/77/KE. In-nuqqas ta' progress lejn il-kisba tal-miri għall-2010 wassal għall-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv aktar komprensiv.

### B. Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli

Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli eżistenti, adottata permezz ta' proċedura ta' kodeċiżjoni fit-23 ta' April 2009 (id-Direttiva 2009/28/KE, li tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE), stabbiliet li sal-2020 sehem ta' 20% tal-konsum tal-enerġija tal-UE jrid jiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, huwa rikjest li l-Istati Membri kollha jiksbu 10% tal-karburanti tat-trasport tagħhom minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2020. Id-direttiva fasslet ukoll mappa tad-diversi mekkaniżmi li l-Istati Membri jistgħu japplikaw sabiex jilħqu l-miri tagħhom (skemi ta' appoġġ, garanziji ta' oriġini, proġetti konġunti, kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi), kif ukoll kriterji ta' sostenibilità għall-bijokarburanti.

Id-Direttiva tispeċifika miri nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli għal kull pajjiż, filwaqt li tqis il-punt tat-tluq u l-potenzjal ġenerali għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dawn il-miri

jkopru firxa minn rata l-aktar baxxa ta' 10% f'Malta sa l-ogħla rata ta' 49% fl-Iżvezja. Il-pajjiżi tal-UE stipulaw kif qed jippjanaw li jilħqu dawn il-miri u l-pjan direzzjonali ġenerali għall-politika tagħhom ta' enerġija rinnovabbli fi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli. Il-progress lejn il-miri nazzjonali jitkejjel kull sentejn meta l-pajjiżi tal-UE jippubblikaw ir-rapporti ta' progress nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli.

**C.** Passi futuri

Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija" (COM(2012)0271), identifikat l-oqsma li fihom għandhom jiżdiedu l-isforzi bejn issa u l-2020 sabiex il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-UE tkompli tiżdied sal-2030 u lil hinn. F'Novembru 2013, il-Kummissjoni pprovdiet gwida ulterjuri dwar skemi ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, kif ukoll dwar l-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex jinkisbu miri ta' enerġija rinnovabbli b'inqas spejjeż (COM(2013)7243). Hija ħabbret bidla radikali tas-sussidji li l-Istati Membri huma permessi joffru lis-settur tal-enerġija rinnovabbli, billi ffavoriet is-sejħiet għall-offerti, "feed-in premiums" u obbligi ta' kwoti minn tariffi "feed-in" użati komunement. Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (2014/C 200/01) ikomplu jiffurmaw il-qafas ġdid għal skemi ta' appoġġ għall-enerġija rinnnovabbli.

L-UE bdiet tħejji għall-perjodu lil hinn mill-2020, sabiex tipprovdi minn kmieni ċarezza fil-politika għar-reġim ta' wara l-2020 għall-investituri. L-enerġija rinnovabbli għandha rwol ewlieni fl-istrateġija fit-tul tal-Kummissjoni kif spjegat fid-dokument tagħha "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" (COM(2011)0885). Ix-xenarji tad-dekarbonizzazzjoni għas-settur tal-enerġija proposti fil-pjan direzzjonali jindikaw sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 30% sal-2030. Madankollu, il-pjan direzzjonali jissuġġerixxi wkoll li t-tkabbir fl-enerġija rinnovabbli se jkun inqas qawwi wara l-2020 sakemm ma jkunx hemm intervent ulterjuri. Wara l-pubblikazzjoni f'Marzu 2013 ta' Green Paper bit-titolu "Qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija sal-2030" (COM(2013)0169), il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tat-22 ta' Jannar 2014 bit-titolu "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030" (COM(2014)0015), ipproponiet li ma ġġeddidx il-miri nazzjonali vinkolanti għall-enerġija rinnovabbli wara l-2020. Mira obbligatorja — 27% tal-konsum tal-enerġija li għandhom jiġu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli — hija prevista biss fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni tistenna li l-miri nazzjonali obbligatorji rigward l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra jagħtu spinta lit-tkabbir fis-settur tal-enerġija. Din il-bidla fid-direzzjoni wasslet għal diskussjonijiet intensivi mal-Kunsill u mal-Parlament.

Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppubblikat pakkett leġiżlattiv intitolat "Enerġija nadifa għall-Ewropej kollha" (COM(2016)0860) bħala parti mill-istrateġija usa' tal-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015)0080). Dan jinkludi proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (Riformulazzjoni 2016/0382) biex l-UE tkun minn ta' quddiem fid-dinja fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u biex jiġi żgurat li l-mira ta' mill-inqas sehem ta' 27% tad-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-ammont totali ta' enerġija kkunsmat fl-UE sal-2030 jintlaħaq. Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva oħra tippromwovi wkoll l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u għandha l-għan li taġixxi f'sitt oqsma differenti:

— Użu akbar ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tal-elettriku;

— Integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ;

— Dekarbonizzazzjoni u diversifikazzjoni tas-settur tat-trasport (b'mira għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-2030 ta' mill-inqas 14% tal-konsum totali tal-enerġija fit-trasport);

— Għoti tas-setgħa u informazzjoni lill-konsumaturi;

— Tisħiħ tal-kriterji ta' sostenibilità tal-UE għall-bijoenerġija;

— Sforzi biex jiġi żgurat li l-mira vinkolanti fil-livell tal-UE tintlaħaq fil-ħin u b'mod effiċjenti fil-konfront tal-ispejjeż magħmula.

Il-proposta tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-promozzjoni ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli, kif emendata mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, ġiet miftiehma b'mod proviżorju fl-14 ta' Ġunju 2018. Il-Ftehim stabbilixxa mira vinkolanti tal-UE ta' 32% għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2030. Rigward is-settur tat-trasport, huwa stabbilixxa mira għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' 14% sal-2030 b'sehem ta' 3.5% ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass (1% sal-2025). Barra minn hekk, stabbilixxa limitu ta' 7% fuq is-sehem tal-bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija, u qed jippjana li jelimina b'mod gradwali l-użu taż-żejt tal-palm (u bijokarburanti ġejjin mill-għelejjel li jipproduċu l-ikel li jżidu l-emissjonijiet tas-$CO_2$) sal-2030 permezz ta' skema ta' ċertifikazzjoni. Ġew imsaħħa d-drittijiet tal-konsumatur għall-awtokonsum tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" għandu jsir wieħed ta' gwida; u ġiet introdotta żieda annwali indikattiva ta' 1.3% għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw it-test formalment f'Diċembru 2018.

## D. Politiki ta' appoġġ

L-isforzi biex l-infrastruttura tal-elettriku tkun tiflaħ għall-użu fuq skala kbira ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli hija fost l-għanijiet ewlenin tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija (ara wkoll: 2.4.7 — il-Politika tal-Enerġija), u dan huwa appoġġat ukoll fil-Pjan Direzzjonali 2050 u l-Pakkett tal-Infrastruttura tal-Enerġija (ara wkoll: 2.1.9 — Is-Suq Intern tal-Enerġija). Il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji rinnovabbli ta' ġenerazzjoni ġodda huwa wkoll wieħed mill-elementi ewlenin tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija jew SET (ara wkoll: 2.4.7 — Is-Suq tal-Enerġija).

## E. Kwistjonijiet speċifiċi għar-riżorsi

### 1. Il-bijomassa u l-bijokarburanti

Fil-mument, l-UE għandha żewġ miri għall-bijokarburanti, li huma li tikseb 10% tal-karburanti tat-trasport minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2020 (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (2009/28/KE)) u li tobbliga lill-fornituri tal-karburanti li jnaqqsu l-intensità tal-gass b'effett ta' serra tal-karburanti tagħhom b'6% sal-2020 (id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburant (2009/30/KE)). Fil-komunikazzjoni tagħha tat-22 ta' Jannar 2014 bit-titolu "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2030", (COM(2014)0015), il-Kummissjoni pproponiet li tabolixxi dawn iż-

żewġ miri wara l-2020. Din il-bidla hija marbuta mal-inċertezza dwar kif jiġi minimizzat l-effett indirett tal-emissjonijiet tat-tibdil fl-użu-tal-art assoċjat mal-bijokarburanti.

Fl-2015, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-karburant ġew riveduti biex jiġi rikonoxxut u mtaffi l-impatt ambjentali negattiv li l-produzzjoni tal-bijokarburanti jista' jkollha f'termini ta' tibdil indirett fl-użu tal-art u l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra relatati[1]. B'mod korrispondenti, is-sehem ta' enerġija minn bijokarburanti prodotti minn ċereali u minn għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, minn għelejjel taz-zokkor u taż-żejt u minn għelejjel oħra mkabbra bħala għelejjel ewlenin primarjament għal skopijiet ta' enerġija fuq art agrikola ma għandhomx ikunu aktar minn 7% tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport fl-Istati Membri fl-2020;

Wara l-pubblikazzjoni ta' kriterji mhux vinkolanti għall-bijomassa fi Frar 2010 (COM(2010)0011), il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrieżamina l-miżuri sabiex tivvaluta s-suċċess tar-rakkomandazzjonijiet oriġinali tagħha u tistabbilixxi jekk standards obbligatorji jkunux neċessarji fil-ġejjieni. Il-proposta tal-Kummissjoni ta' Novembru 2016 għal Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riveduta (COM(2016)0767) tinkludi kriterji aġġornati ta' sostenibilità għal bijokarburanti użati fit-trasport u l-bijolikwidi, u karburanti tal-bijomassa solidi u gassużi użati għat-tisħin u l-enerġija. Il-proposta tinkludi sottomira ta' 3% għall-bijokarburanti avvanzati. Filwaqt li l-limitu massimu ta' 7% fuq il-bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni jinżamm, qed jiġi introdott obbligu fil-livell tal-UE għall-fornituri tal-karburanti li jipprovdu ċertu sehem (6.8%) ta' karburanti b'livell baxx ta' emissjonijiet u karburanti rinnovabbli u estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji ta' sostenibilità tal-UE għall-bijoenerġija (biex jiġu koperti l-bijomassa u l-bijogass għat-tisħin u t-tkessiħ u l-ġenerazzjoni tal-elettriku).

**2.** Enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtut u enerġija mill-oċeani

Fil-kuntest tat-tieni rieżami strateġiku tal-enerġija mwettaq f'Novembru 2008, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni fit-13 ta' Novembru 2008 intitolata "Enerġija mir-Riħ Lil hinn mix-Xtut: Azzjoni meħtieġa biex twassal għall-Għanijiet tal-Politika dwar l-Enerġija għall-2020 u aktar 'il quddiem" (COM(2008)0768), bl-għan tal-promozzjoni tal-iżvilupp tal-enerġija tar-riħ marittima u lil hinn mill-kosta fl-UE.

Fl-20 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni fasslet pjan ta' azzjoni biex tappoġġja l-iżvilupp tal-enerġija mill-oċean, inkluż dik iġġenerata mill-mewġ, l-enerġija mill-marea, il-konverżjoni tal-enerġija termali u l-enerġija tal-iskala tas-salinità (fil-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Enerġija Blu: Azzjoni meħtieġa biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija mill-oċeani fl-ibħra u l-oċeani Ewropej sal-2020 u lil hinn" (COM(2014)0008)).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kien konsistentement favur l-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ssottolinja l-importanza li jistipula miri obbligatorji għall-2020[2] u, aktar reċenti,

[1]Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-fjuwils tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 1).

[2]Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tad-29 ta' Settembru 2005 dwar il-kwota ta' enerġija li tiġġedded fl-UE u proposti għal azzjoni konkreta (ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 599), tal-14 ta' Frar 2006 dwar arja sħuna u kiesħa prodotta minn sorsi ta' enerġija li tista' terġa' tiġġedded (ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 115), tal-14 ta' Diċembru 2006 dwar strateġija għall-bijomassa u l-bijokarburanti (GU C 317 E, 23.12.2006,

għall-2030. Fi Frar 2014, huwa adotta riżoluzzjoni[3] fejn ikkritika l-proposti magħmula mill-Kummissjoni għall-qafas tal-klima u l-enerġija tal-2030 billi ddikjara li ma jħarsux fit-tul u huma mingħajr ambizzjoni. Ir-riżoluzzjoni sejħet għal sehem vinkolanti ta' 30% tas-sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija fil-livell tal-UE, li għandu jiġi implimentat permezz ta' miri nazzjonali individwali vinkolanti, u għal estensjoni tal-miri tal-karburant tat-trasport wara l-2020.

Barra minn hekk, il-Parlament fil-passat appella għall-istabbiliment ta' sistema fuq perjodu twil ta' inċentivi mal-UE kollha għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli[4], filwaqt li ffavorixxa appoġġ għat-teknoloġija tal-grilja intelliġenti[5]. Huwa spiss stieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi qafas legali għal tisħin u tkessiħ rinnovabbli, bil-ħsieb li jikber is-sehem tagħhom fil-produzzjoni tal-enerġija.

Meta adotta d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, il-Parlament saħħaħ u kkjarifika bosta mekkaniżmi, filwaqt li stabbilixxa wkoll sistema biex tiġi ggarantita b'mod aktar komprensiv is-sostenibilità ambjentali tal-politika kollha kemm hi. B'mod partikolari, il-Parlament kellu rwol importanti fl-aspetti li ġejjin:

- id-definizzjoni tal-kundizzjonalità tal-mira għall-karburanti tat-trasport rinnovabbli, billi jiġu stabbiliti kriterji ta' sostenibilità kwantitattivi u kwalitattivi għall-bijokarburanti (sostenibilità soċjali, drittijiet għall-użu tal-art, effetti fuq is-sigurtà u l-prezzijiet tal-ikel, eċċ.), b'enfasi partikolari fuq il-problemi assoċjati mat-tibdil indirett tal-użu tal-art;
- l-assigurazzjoni tal-aċċess tal-enerġija rinnovabbli għall-infrastruttura tal-grilja tad-distribuzzjoni tal-elettriku;
- ir-restrizzjoni fuq ir-rwol tal-klawsola ta' reviżjoni tal-2014, sabiex jiġi evitat in-negozjar mill-ġdid tal-miri vinkolanti.

F'Marzu 2013, il-Parlament approva l-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050[6] u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun qafas ta' politika għall-2030 bl-inklużjoni ta' miri intermedjarji ewlenin u miri finali għall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Ir-riżoluzzjoni tiegħu ssottolinjat b'mod partikolari l-importanza ta' oqfsa regolatorji stabbli sabiex jiġi stimulat l-investiment fl-enerġija rinnovabbli, il-ħtieġa ta' approċċ aktar Ewropew lejn il-politika tal-enerġija rinnovabbli billi jittieħed vantaġġ sħiħ mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti, u r-rwol speċifiku li għandu jkollhom il-ġenerazzjoni deċentralizzata u l-mikroġenerazzjoni. Il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi u proposti dwar kif isir użu sostenibbli mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u b'effiċjenza akbar fl-UE.

---

p. 890), u tal-25 ta' Settembru 2007 dwar Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded fl-Ewropa (ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 82).
[3]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Frar 2014 dwar qafas għall-politika tal-klima u tal-enerġija fl-2030 (ĠU C 93, 24.3.2017, p. 79).
[4]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-25 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Lejn strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011--2020" (ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 64).
[5]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-prijoritajiet għall-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u lil hinn (ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 46).
[6]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Marzu 2013 dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija (ĠU C 36, 29.1.2016, p. 62).

F'Ġunju 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni[7] dwar ir-rapport dwar il-progress tal-enerġija rinnovabbli, li fiha stieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta pakkett aktar ambizzjuż dwar il-klima u l-enerġija 2030, li jżid il-mira tal-UE għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għal mill-inqas 30%, u li għandu jiġi implimentat permezz ta' miri nazzjonali individwali. Il-miri diġà miftiehma għall-2020 iridu jittieħdu bħala l-linja bażi minima fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Fis-17 ta' Jannar 2018, il-Parlament appoġġja sehem ta mill-inqas 35% tal-enerġija kollha li ġejja minn sorsi rinnovabbli sal-2030[8] u saħħaħ l-awtokonsum bħala dritt.

F'Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta riformulata tad-Direttiva dwar il-promozzjoni ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES). Il-Ftehim stabbilixxa mira vinkolanti tal-UE ta' 32% għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2030. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw it-test formalment f'Diċembru 2018 (Direttiva (UE) 2018/2001). L-Istati Membri jeħtiġilhom jittrasponu d-Direttiva riveduta fil-liġi nazzjonali sat-30 ta' Ġunju 2021. Id-Direttiva riveduta se tku effettiva mill-1 ta' Lulju 2021 'il quddiem.

Frédéric Gouardères / Francesca Beltrame
04/2019

[7]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar ir-Rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli (ĠU C 91, 9.3.2018, p. 16).
[8]http://www.europarl.europa.eu/news/en/press-room/20180112IPR91629/meps-set-ambitious-targets-for-cleaner-more-efficient-energy-use